# Mixja virtwali fil-Park tal-Majjistral

IL-MAJJISTRAL

PARK TA' NATURA U STORJA

**Gwida u Nota għall-għalliem**

| **Titlu:** Mixja Virtwali fil-Park tal-Majjistral |
|---|
| **Skop u Min għamel dan il-proġett:**<br><br>Dan il-Programm huwa parti minn proġett għall-*istudy unit* MSL4207 – *Applied Learning Technologies*, fi ħdan l-Università ta' Malta bħala parti mill-kors tal-PGCE 2013-2014 minn dawn l-istudenti ;<br><br>• Annalise Falzon (Geography ) – *Ġbir ta' Informazzjoni rigward il-Park* annalise.falzon.96@um.edu.mt<br><br>• Denise Mizzi (Geography) - *Reflective Diary, Presentation* denise.mizzi.09@um.edu.mt<br><br>• Mariana Zammit (Geography) - *Report* mariana.zammit.10@um.edu.mt<br><br>• Michelle Pace Moore (Social Studies ) – *Report* mxlpacemoore@gmail.com<br><br>• Tyrone Xuereb (Social Studies) –*Bini ta' dan il-Programm u t-Teachers handout* tyrone.xuereb.10@um.edu.mt |
| **Suġġetti rakkomandati:**<br>• Ġeografija<br>• Studji Soċjali<br>• Studji Ambjentali |
| **Livell:** Form 2-3 |
| **Ħin:** minn lezzjoni sa żewġ lezzjonijiet |
| **Metodu:** fi gruppi bħala diskussjoni, preferibbilment fil-Laboratorju tal-Kompjuters. |
| **Użu:**<br>• Bħala preparazzjoni qabel issir il-mixja fis-sit – kemm mal-gwida tal-park jew inkella mmexxija mill-għalliem waħdu,<br>• Bħala eżerċizzju edukattiv dwar il-park jekk il-grupp ma jistax imur fuq il-post, |

**Gwida u Nota għall-għalliem**

- Jista' wkoll jintuża biex jinżammu aġġornati u inklużi dawk l-individwi mill-klassi li ma setgħux jattendu l-mixja,
- Bħala reviżjoni ta' diversi topiks kemm tal-Ġeografija, ta' l-Istudji Soċjali kif ukoll tal-Istudji Ambjentali.

**Sillabu:**

- Minħabba li l-Park tal-Majjistral joffri diversi aspetti ġeografiċi u soċjali ta' nteress, kull sezzjoni ta' dan il-programm jolqot topiks varji kemm marbuta ma' l-istudji soċjali kif ukoll mal-ġeografija.

**Gwida kif tuża dan il-programm:**




L-ewwel slide se tiħdok fil-mappa. Hawnhekk l-istudenti se jkunu mitluba jikklikjaw fuq in-naħa tal-Majjistral ta' Malta. Se jinfetaħ ċirku ma' l-ewwel klikk li se juriehom fejn jinsab il-Park tal-Majjistral.



Kif wieħed jikklikja ċ-ċirku, se jasal fil-mappa tal-Park tal-Majjistral.

Hemmhekk, wieħed irid jagħafas din il-buttuna 

biex jaqra l-istruzzjonijiet ta' kif wieħed se jaċċessa dan il-programm. Hawn isfel għandek il-lista tal-buttuni kollha li se tiltaqa' magħhom;



- Fuq il-mappa tal-Park tal-Majjistral, għandek issib 10 buttuni bin-numri minn 1 sa 8 u tnejn bil-*question mark*. Dawn jirrapreżentaw it-8 waqfiet li wieħed jagħmel waqt waħda mill-mixjiet mall-Park.




-Jekk tagħfas fuq in-numru, dan jiħdok għal slide li fiha se ssib żewġ taqsimiet; Studji Soċjali u Ġeografija.

Kull waħda minnhom se tiħdok għall-informazzjoni relatata mas-suġġett skont dak li ssib fil-waqfa.

L-istudenti mitluba jiddiskutu l-mistoqsijiet li hemm f'kull waħda.



Din l-istilla tiħdok lura għas-slide tas-suġġetti biex minn suġġett tmur għall-ieħor. Għaldaqstant, wieħed l-ewwel jista' jagħmel l-attività marbuta ma' l-istudji soċjali u kif ilesti jista' jagħmel dik marbuta mal-ġeografija.




- kif ilesti miż-żewġ suġġetti, wieħed għandu jagħfas din il-buttuna biex imur lura għall-mappa u jagħżel in-numru li jmiss.



-Wieħed ikun jaf li temm b'suċċess dan il-programm permezz ta' slide li tippermettilu jerġa' jaċċessa l-islides li jixtieq filwaqt li anki jista' jidħol fis-sit tal-Park tal-Majjistral; [www.majjistral.org](http://www.majjistral.org) għal iktar informazzjoni rigward x'joffri dan il-Park.



- Jekk wieħed jagħfas din il-buttuna fl-aħħar slide, jirritorna fl-ewwel slide.




- Jekk tagħfas din il-buttuna tista' toħroġ mill-programm.

**Informazzjoni ġenerali dwar il-Park:**

- Dan is-sit ġie ddikjarat Park Naturali mill-Gvern ta' Malta fis-7 ta' Settembru 2007, skont l-avviż legali 251/2007.
- Parti kbira tal-park hija mħarsa wkoll bħala sit ta' <u>Natura 2000.</u>
- Din hija firxa ta' ambjenti mħarsa fl-Unjoni Ewropeja stabbilita taħt Id-Direttiva dwar l-Ambjent tal-1992.
- L-għan ewlieni ta' din id-direttiva huwa li jħares dawk l-ispeċi u ambjenti li huma mhedda serjament biex dawn ma jinqerdux.
- Fin-Natura 2000 insibu l-*Ispecial Areas of Conservation* (SACs) li ġew identifikati skont id-Direttiva dwar l-Ambjent kif ukoll l-*Ispecial Protection Areas* (SPAs) identifikati taħt id-

Direttiva dwar l-Għasafar tal-1979.

- Fin-Natura 2000 insibu riservi naturali u artijiet tal-privat, fejn l-immaniġġjar tagħhom isir b'mod li jkun hemm armonija bejn l-attivitajiet tal-bniedem u l-ħarsien tan-natura.
- Fil-gżejjer Maltin insibu 34 sit fuq l-art ta' Natura 2000, li jkopru mal-13.5% tal-art, u 5 siti fil-baħar.

***GREEN CODE* għall-park. Meta żżur dan il-park imxi ma' din il-gwida;**

- Tiġborx u tagħmilx ħsara lill-pjanti, annimali, jew lill wirt arkeoloġiku
- Imxi mall-mogħdijiet
- Tħammiġx
- Tqabbadx nar
- Irrapporta kull nar, attivitajiet illegali jew emerġenzi fuq 112

**Iktar informazzjoni rigward il-Park tal-Majjistral:**

walks@majjistral.org jew ċempel: 21521291

**Siti ta' interess**

www.naturetrustmalta.org

www.dinlarthelwa.org

www.projectgaia.org

www.mepa.org.mt

www.maltawildplants.com

www.birdlifemalta.org

http://maltaseabirdproject.wordpress.com/